# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta' Settembru 2023**

Appell numru 506/2022

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Anġlu BUHAGIAR**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Anġlu BUHAGIAR (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 913051M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-25 ta' Novembru 2022 fejn ġie mixli talli:

> F'dawn il-Gżejjer u ċjoe' nhar il-25 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tat-15.00hrs ġewwa 'Athena Place' Triq San Anton Abbati Mosta : -
>
> Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel il-ħsara kontra l-Liġi iżda biss sabiex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel b'awtorita' tiegħu nnifsu lil Kurt Abela jħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni li tkun jew fixkel lil Kurt Abela fil-pussess ta' ħwejġu jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat qua appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, qieset li piena karċerarja mhiex piena idoneja f’dan il-każ u konsegwentement ikkundannat lill-appellant ai termini tat-tielet proviso tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, għall-ħlas ta’ multa ta’ Ewro 1,500 u ordnat lill-appellant sabiex bl-ebda mod u manjiera ma jostakola l-aċċess li l-kwerelant għandu għall-imsemmi meter u ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’każ li l-appellant ma jkunx għadu ta aċċess lill-kwerelant, ordnat illi l-imputat qua appellant jagħti aċċess lill-kwerelant fi żmien erba’ u għoxrin siegħa u dan taħt piena ta’ Ewro 5 kuljum fin-nuqqas illi jagħmel dan.

## Ċ. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant BUHAGIAR appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u sussidjarjament f’każ illi din it-talba ma tiġix akkolta u jiġi kkonfermat is-sejbien ta’ ħtija, li tiġi applikata piena nqas severa minn dik applikata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

> Illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti : il-ġurisprudenza kopjuża ċitata mill-Ewwel Qorti hija waħda korretta u paċifika, ħsara pero li ma ġietx applikata korrettament għall-każ odjern. Sfortunatament l-applikazzjoni ta’ dan l-insenjament brillanti għall-fattispeċje tal-każ odjern kienet ferm u ferm inqas maġisterjali għaliex proprju l-każ kollu kontra l-appellant kellu jaqa’ bil-fatt li huwa nieqes proprju l-ewwel element (u l-iżjed element importanti) u ċjoe’ att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi. L-appellant ma wettaq ebda att estern għas-sempliċi raġuni li huwa mgħamel assolutament xejn. Il-fatt li l-kwerelant talbu jagħtih aċċess u l-appellant baqa’ passiv għal dik it-talba ma jikkostitwixxix l-att estern meħtieġ għat-twettiq tar-reat ta’ ragion fattasi. Kif jgħallimna l-Carrara, ċitat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, la legge protegge lo status quo il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto dell’autorita’ giudicale. U l-istatus quo kien illi l-kwerelant qatt ma kellu aċċess għall-meter tad-dawl stallat fi Quinto Place iżda baqa’ jgawdi d-dawl għaliex l-appellant qatt ma qatagħhulu (hemm kien ikun hemm ragion fattasi) iżda waqaf igawdih meta d-dawl inqata’ b’forza maġġiuri u ċjoe bil-maltemp u żgur li mhux b’xi att estern imwettaq mill-appellant. Għalhekk kjarament l-appellant ma seta’ qatt jiġi misjub ħati tar-reat ta’ ragion fattasi bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta’ Malta.

Illi għal dawn il-motivi l-appellant itenni li kellu jiġi lliberat minn kull imputazzjoni u ħtija.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

10. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

11. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

12. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

13. Nhar il-25 ta' Novembru 2021 il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Mosta daħlilhom rapport mingħand ċertu Kurt Abela fejn stqarr li dakinhar għall-ħabta tat-15.00hrs induna li l-elettriku tal-komun ta' blokka ta' appartamenti li jġibu l-isem ta' Quinto Place u li jinsabu ġewwa Triq San Anton Abbati l-Mosta, kien maqtugħ u dan minħabba l-maltemp. Huwa stqarr li peress li d-dawl baqa' ma ġiex, ċempel lill-appellant Anġlu Buhagiar li kien is-sid ta' Athena Place, fejn kien jinsab il-meter tad-dawl tal-ARMS li kien jalimenta l-blokka Quinto Place. Abela qal li BUHAGIAR baqa' ma qabdux u li għalhekk mar iħabbat il-bieb tad-dar tiegħu fejn fetħitlu martu u qaltlu kif BUHAGIAR ma kienx id-dar u li kien hu biss li kellu ċ-ċavetta sabiex jiftaħ il-meter tad-dawl. Peress li din l-istorja kienet ilha tirrepeti ruħa kull darba li jinqata' d-dawl, u kien hemm anki drabi fejn l-inkwilini tal-appartamenti ta' Quinto Place damu xi jiem mingħajr dawl, Kurt Abela mara jagħmel rapport mal-Pulizija sabiex jiddenunċja lil Anġlu BUHGIAR.

14. Nhar it-23 ta' Diċembru 2021, Anġlu Buhaġiar ġie mitkellem ġewwa l-Għassa tal-Mosta fil-preżenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Chris Cilia. Huwa stqarr mal-Pulizija li ż-żewġ blokok ta' appartamenti, Athena Place u Quinto Place inbnew minn fuq biċċa art tiegżu bi sħab ma' Joe Abela ta' Pajex Limited. Il-ftehim kien li

kellhom iżommu blokka kull wieħed. BUHAGIAR żamm Athena Place u Joe Abela żamm il-blokka Quinto Place. Meta mbagħad ġew biex jinstallaw il-meter tad-dawl, filwaqt li dak ta' Athena Place tpoġġa mingħajr problemi, il-meter tad-dawl li jfornixxi l-appartamenti ġewwa Quinto Place ma setax jitpoġġa minħabba li ma kienx hemm ħajt diviżorju bejn il-komun ta' Athena Place u dak ta' Quinto Place u għalhekk l-Enemalta ma setgħetx tinstalla żewġ meters għal żewġ komunijiet li ma kinux mifrudin b'bieb. Kien għalhekk illi Joe Abela staqsa lil Anġlu Buhagiar jekk setax jitqiegħed il-meter tad-dawl fil-komun ta' Athena Place sakemm isib bennej li jagħlaqlu l-bieb kif intalab illi jagħmel. Il-meter tad-dawl għalhekk, allavolja kien reġistrat għall-użu mill-blokka Quinto Place, fiżikament kien ġie nstallat f'Athena Place u miżmum f'post li kien jissakkar bil-katnazz. Dan il-meter hemmhekk baqa' wara li Joe Abela biegħ id-diversi units ta' appartamenti fi Quinto Place lil terzi persuni, fosthom lil Kurt Abela l-kwerelant.

15. Illi BUHAGIAR stqarr ukoll mal-Pulizija li ċ-ċavetta ta' dan il-katnazz minn dejjem kienet baqgħet għandu u li qatt ma kien għadda kopja lil Joe Abela. Darba minnhom qal li għadda ċ-ċavetta lil persuna li kienet tirrisjedi f'appartament f'Athena Place għaliex kien inqata' d-dawl bil-maltemp. Qal li kien sar jaf li dan kien għadda kopja ta' din iċ-ċavetta lil terza persuna li kellha membri tal-familja tagħha li kienu proprjetarji ta' garaxx fit-tieni livell taħt l-art tal-kumpless Quinto Place u kien minn hemmhekk li kien bidel il-katnazz u ċ-ċavetta u minn dakinhar 'l hawn ma reġa' taha lil ħadd.

**Ikkunsidrat**

16. Ir-reat ta' ragion fattasi kif ipotizzat fl-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant BUHAGIAR huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

17. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-'**Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie'**. Dan l-Artikolu kien jippreskrivi r-reat tal-"vie di fatto" u kien jgħid:[5]

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

18. Minn dan jidher ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-'**Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie'**. Għalhekk għall-fini tal-interpretazzjoni legali ta' dan ir-reat, din il-Qorti jidhrilha li għandha iktar tagħmel referenza għad-dottrina u l-ġurisprudenza li kienet tirregola dak ir-reat fil-Kodiċi Borboniku aktar milli ma Liġijiet oħra li segwewh. Fil-fehma tal-Qorti r-raġuni hija li l-Leġislatur ta' dak iż-żmien fuq il-pariri tal-Kummissjonijiet ta' Studju u Ġuristi mqabda biex jistħarġu abozzar idoneju għal Kodiċi Kriminali Malti, kienu waslu li jipproponu dak it-test tal-Liġi u allura l-ħolqien tar-reat ta' ragion fattasi grazzi għall-qrubija li huma raw li għandu jkun hemm bejn it-test tal-Liġi Borbonika tal-"vie di fatto" u dak ir-reat li huma riedu li jiġi promulgat f'Malta u li ġie magħruf bħala "ragion fattasi", illum "eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet".

19. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiż fid-19 ta' Ġunju 2002, l-Imħallef Joseph Galea Debono għallem:

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

[5] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : De' reati contra l'amministr. pubblica, Sezione III, Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'

20. Huwa minnu li dan ir-reat kien, u għadu joħloq ċerti diffikultajiet lill-prattikanti legali Maltin in kwantu bosta jqisu dan ir-reat bħala li jaqa' f'żona griża bejn il-kamp ċivili u dak penali. Dan is-sentiment kien ukoll espress minn Sir Andrew Jameson; iżda fl-aħħar mill-aħħar dan ir-reat sab postu wkoll fil-Kodiċi Kriminali Malti u baqa' fis-sustanza tiegħu kważi mhux mibdul sal-lum. Biss din il-Qorti kif presjeduta temmen li l-għan legali ta' dan ir-reat, anke skont kif elaborati fid-dottrina u l-ġurisprudenza Borbonika jgħin għas-soluzzjoni ta' din il-problema. Meta wieħed janalizza d-dottrina Borbonika u anke l-ġurisprudenza li segwiet dan ir-reat ma jibqax daqshekk jidher f'zona griża, iżda l-karattru tiegħu, distint mill-kontroparti ċivili tiegħu riflessa fl-actio spolii, joħroġ b'mod ċar.

21. Verament li maż-żmien, ġurisprudenza Maltija konsistenti ħaddnet l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu in bażi għall-insenjament ta' Francesco Carrara. L-influwenza tal-Carrara fuq il-ġuristi u l-Imħalfin Maltin hija indiskussa – b'mod partikolari dawk tal-fine ottocento u l-primo novecento. Iżda minkejja l-awtorevolezza tal-Carrara bħala ġurista mill-iprem, jibqa' l-fatt li huwa kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja ossija l-Kodiċi Zanardelli). Issa t-test tal-Kodiċi Zanardelli relattiv għar-reat ta' "ragion fattasi" jew kif illum huwa magħruf "esecizio arbitrario delle proprie ragioni" kien jaqra hekk:

> 286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :
> 1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;
>
> 2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;
>
> 3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi. Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.
>
> Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.
> 287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le

persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

22. Dan ir-reat isib postu taħt il-'Capo 3' li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-awtorita' pubblika. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod:

> La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.[6]

23. L-elementi tar-reat tar-ragion fattasi skont il-Carrara huma:

> 1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.

24. Allura minn dan jirriżulta li r-reat fil-Kodiċi Zanardelli mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni vjolattiva tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda minbarra dan, l-elementi l-oħra - dak formali in primis - jibqa' l-istess.

25. Il-qofol tar-reat tar-ragion fattasi, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**[7] kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, deċiż l-20 ta' Ġunju 2014. Skont din il-ġurisprudenza, l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi adottati mill-Qrati Maltin jirriflettu l-elementi ta' dan ir-reat skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu:

> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

[6] Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849

[7] App. Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768.

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

26. Għalkemm il-ġurisprudenza patria ddiskutiet estensivament fuq ir-rabta tar-reat ta' ragion fattasi ma' ksur arbitrarju ta' jeddijiet ta' pussess jew detenzjoni, fil-verita din l-interpretazzjoni tar-reat ta' ragion fattasi tirriżulta usa minn dak li għandu x'jaqsam ma jeddijiet possessorji vjolati arbitrarjament. L-ewwel element ta' dan ir-reat huwa l-eżistenza ta' att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi. L-impediment ta' persuna minn dritt li tgawdi tinkludi drittijiet possessorji jew detentivi, iżda mhux biss. U dan jagħmel sens minħabba anke l-lokuzzjoni wiesa adottata mit-test tal-Liġi Malti daqskemm dak Borboniku: fejn it-tfixkil ta' persuna mill-pussess ta' ħwejjiġha hija biss waħda mill-ipoteżi fattwali li jistgħu jintegraw ir-reat tar-ragion fattasi, dment li l-elementi l-oħra kollha ta' dan ir-reat ikunu pruvati li jeżistu fiż-żmien inkriminat fuq bażi ta' provi li jwasslu sal-grad tas-sikurezza li r-reat ikun ġie kommess.

27. Trattansi ta' din l-ipoteżi ta' att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li tgawdi rifless fi dritt ta' natura possessorja, wieħed allura jkun jeħtieġ li jindaga dan id-dritt ta' natura possessorja jkunx jeżisti fil-każ partikolari u f'każ affermattiv x'sura jkun qed jieħu. Qabel xejn il-ġurisprudenza Taljana, daqskemm dik Maltija teħtieġ li fil-każ ta' allegat ksur arbitrarju ta' jedd possessorju, dan il-jedd possessorju jrid ikun wieħed attwali. L-allegata vittma allura trid tkun ġiet disturbata b'mod arbitrarju mill-awtur tar-reat minn jedd possessorju li tkun **attwalment** tgawdi.

28. Skont il-Carmignani - li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja - it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess **"attwali"** u **li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal għat-turbattiva ta' dak l-istatus quo attwali**:

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od

immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[8]

29. Fl-istħarriġ ta' dan il-pussess attwali il-ġudikant ma jidħolx fuq analiżi ta' kwistjonijiet li jolqtu t-titolu jew jeddijiet reali fuq il-proprjeta in kwistjoni. Wieħed mill-beni ġuridiċi tutelati b'dan ir-reat ta' ragion fattasi huwa l-**<u>istatus quo</u>** ta' dak il-pussess attwali – ikun ta liema forma jkun - billi ma jiġix turbat minn xi persuna b'mod arbitrarju.

30. Il-Corte di Cassazione Taljana tisħaq dan:[9]

**Cassazione Penale n. 1358/1997** :- Non commette il reato di esercizio arbitratio delle proprie ragioni chi, usando violenza sulle cose, tutela il suo attuale possesso da altri turbato o si rientegra nel possesso medesimo nella flagranza o quasi flagranza del sofferto spoglio.

**Cassazione Penale n. 273/1997**: Il delitto di esercizio arbitratio delle proprie ragioni con violenza sulle cose, in relazione ai diritti reali e' ipotizzabile solo quando la res sia in possesso altrui e non anche quando la stessa sia in possesso dell'agente.

**Cassazione Penale n. 20277/2001**: non integra l'elemento oggettivo del reato di esercizio arbitrario delle proprie ragioni la condotta di colui che con un comportamento violento, mantiene il possesso attuale del bene (violenza manutentiva) oppure lo recupera nell'immediatezza dello spoglio subito (violenza reintegrativa) atteso che tali comportamenti sono legittimi in quanto tendono a **conservare l'ordine giuridico preesistente.**[10]

31. Illi f'dan ir-rigward il-Professur Mamo[11] wkoll adotta din l-istess linja tal-ħsieb b'referenza għall-interpretazzjoni tal-kunċett tal-'pussess attwali' maħsub mill-Carmignani:

The material element consists, as we have said, in depriving another person of a right or thing he is enjoying. The offence, therefore, does not arise where the act consists merely in the retention of possession already enjoyed by the agent: ''Qui continuat non attentat''. The deprivation of including the interference with, somebody else's possession is essential: 'L'atto esterno deve privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continue a goderne a dispetto di chi non lo voglia, non delinque perche' la legge protegge lo 'statu quo', il quale

[8] Enfazi mizjuda – Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318
[9] Brocardi aċċess: 13/14 April 2023 <u>Art. 392 codice penale - Esercizio arbitrario delle proprie ragioni con violenza sulle cose - Brocardi.it</u>
[10] Enfażi miżjuda.
[11] Notes on Criminal Law, Vol. 11 pg. 33

non puo’ variarsi tranne che per consenso degli interessati o per decret della autorita’ giudiziale (Carrara – Prog. Parte Speciale, Vol 5, para. 2850 note...)

32. Dan il-prinċipju huwa rifless fil-ġurisprudenza Maltija bħala wieħed mill-elementi li jrid jikkonfigura sabiex jitqies integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.[12]

33. B’hekk ġaladarba l-pussess attwali jista’ jinkludi anke l-mera detenzjoni ta’ res iġifieri biss is-sempliċi pussess materjali, detenzjoni jew xi forma ta’ użu jew tgawdija tar-res in kwistjoni, il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-proprjeta’ ma jipprekludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta’ ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista’ jissusisti wkoll f’każ li tali pussess tal-persuna jiġi affett minn azzjoni vjolattiva u arbitrarja tas-suġġett attiv u bħala konsegwenza dak il-possessur ma jkunx jista’ jkompli jgħix l-istatus quo possessorju attwali tiegħu. Infatti fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas**,[13] ġie mistqarr hekk:

L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhala agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

34. Ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Vassallo,**[14] ġie meqjus illi:

Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema

[12] F’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawżi, fost oħrajn, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta’ Ġunju 2014, **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta’ Mejju 2003, **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta’ Ġunju 2002, **The Police vs. Jane Deguara** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta’ Diċembr 2003, **Il-Pulizija vs. Giuseppe Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta’ Lulju 2020.
[13] Enfasi miżjuda
[14] Qorti tal-Appell Kriminali, datata 22 ta’ Marzu 1991.

natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

35. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, deċiż nhar il-15 ta' Novembru 1996, ġie ribadit illi:

Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi" (ara appell kriminali Il-Pulizija vs George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

36. L-istess ingħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** deċiż nhar il-11 ta' Frar 2013:

Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux neċessarjament ukoll il-propjeta' tagħha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-haga.' (Il-Pulizija vs Joseph Bongailas 22 t'Ottubru, 2001).

37. Iżda dan l-element tat-turbativa tal-pussess attwali tal-possessur da parti tal-awtur tal-azzjoni vjolattiva **<u>waħdu</u>** mhux biżżejjed biex jitqies integrat dan ir-reat kriminali. Ir-reat tar-ragion fattasi huwa reat kriminali sui generis, u li huwa separat u distint mill-azzjoni ċivili msejjħa actio spolii.

38. Għalkemm wieħed mill-beni ġuridiċi tutelati minn dan ir-reat huwa l-preservazzjoni tal-istatus quo materjali u attwali relattiv għal eżerċizzju ta' drittijiet partikolari, li jistgħu (imma mhux biss) jkunu riflessi fil-pussess sempliċi, materjali u attwali ta' xi res, mill-banda l-oħra hemm element ieħor meħtieġ li jiġi sodisfatt lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni biex dan ir-reat ta' ragion fattasi jitqies integrat. Dan huwa l-element tal-**<u>arbitrarjeta</u>** tal-azzjoni tal-awtur tar-reat ossija ta' dak li biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu li jinbidel dak l-istatus quo materjali u attwali relattiv għal eżerċizzju ta' drittijiet partikolari, fosthom drittijiet possessorji. Kif intqal, it-turbativa tal-pussess tista' tkun waħda minn dawk l-episodji fattwali ta' status quo li jiġu turbati – u l-esperjenza ġuridika tgħallem li fil-fatt hija forma l-iżjed komuni ta' dan ir-reat.

39. Iżda l-element tal-arbitrarjeta huwa determinanti għall-integrazzjoni tar-reat tar-ragion fattasi in kwantu dak li l-Liġi penali trid tipprojbixxi huwa preċiżament dak l-att vjolattiv tal-istatus quo magħmul mill-awtur tar-reat b'mod li jissostitwixxi l-arbitriju tiegħu għal dik is-setgħa li l-Qorti biss tista' teżerċita fil-każ partikolari. Fil-fatt, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Dimech,**[15] intqal:

> Id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

40. U huwa għalhekk meħtieġ li f'kull każ ta' ragion fattasi l-azzjoni tal-awtur trid tiġi mistħarrġa bir-reqqa fil-kuntest partikolari tagħha biex jiġi determinat jekk dik it-turbativa tal-istatus quo fl-eżerċizzju ta' drittijiet tkunx saret mill-awtur b'mod arbitrarju billi jkun impona l-awtorita tiegħu innifsu fuq il-vitma tar-reat biex iġib ir-riżultat li huwa jkun qed jippretendi tiegħu bi dritt meta huwa setgħa jottjeni dak ir-riżultat biss billi jirrikorri lejn l-Awtorita tal-Qorti u mhux jimponi l-eżerċizzju tal-awtorita tiegħu innifsu fuq il-vitma.

41. Minħabba f'hekk biex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd. Dak it-turbament irid jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien arbitrarju fis-sens hawn fuq spjegat. Fil-fatt fl-appell kriminali **Joseph Bongailas** imsemmi iżjed il-fuq, id-detenzjoni ta' dar fuq mera tolleranza minn konjuġi u li tkun ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-istatus quo possessorju tal-mara tiegħu li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali ta' Bongailas minflok ma huwa rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja meta kien jaf li l-azzjoni unilaterali tiegħu kienet qegħda ssir fi sfond u kuntest speċifiku ta' kontroversja ġudizzjarja u fattwali bejnu bejn martu.

42. Allura l-Qorti li tkun inġunta tistudja każ ta' ragion fattasi trid tisħarreġ x'kien l-istatus quo materjali relattiv għall-eżerċizzju minn naħa tal-vittma ta' drittijiet partikolari fiż-żmien inkriminat; jekk dak

[15] Qorti tal-Appell Kriminali, datata l-24 ta' Ġunju 1961

tal-vittma kienx eżerċizzju attwali ta' jeddijiet liema eżerċizzju jkun dak li jsawwar xi jkun l-istatus quo f'dak il-każ partikolari; jekk ikunx l-imputat li jkun ikkommetta l-azzjoni vjolattiva fuq dak l-istatus quo tal-eżerċizzju ta' drittijiet mill-vittma; jekk tali azzjoni vjolattiva tkunx magħmula arbitrarjament minn naħa tal-imputat u li tkun ħarbtet dak l-istatus quo; u jekk dik l-azzjoni tirriżulta vjolattiva tal-eżerċizzju attwali ta' drittijiet mill-vittma u allura vjolattiva tal-istatus quo fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet da parti tal-vitma, kienetx ukoll azzjoni arbitrarja magħmula konsapevolment f'kuntest ta' xi kontroversja ġudizzjarja jew fattwali bejn il-partijiet involuti jew xi ħadd minnhom u li tkun tolqot dak l-istatus quo.

43. Għalhekk minbarra stħarriġ dettaljat ta' x'kien l-istatus quo materjali relattiv għall-eżerċizzju ta' jeddijiet partikolari fiż-żmien inkriminat, jeħtieġ li jiġu pruvati wkoll, sal-grad rikjest mill-Liġi kemm l-element tal-arbitrarjeta kif ukoll dik tal-kontroversja eżistenti.

44. Kif intqal, l-azzjoni vjolattiva l-pussess titqies arbitrarja meta l-awtur tar-reat jagħżel li, biex jottjeni r-riżultat li huwa jippretendi tiegħu bi dritt, jwettaq dik l-azzjoni vjolattiva "bl-awtorita tiegħu innifsu" meta huwa kien mistenni li minflok jirrikorri għall-Awtorita Ġudizzjarja biex tkun din l-Awtorita li twettaq l-azzjoni li l-pretendent ikun qiegħed jawspika li tittieħed biex jiġi ottjenut ir-riżultat minnu mixtieq.

45. Skont is-sentenza tal-Cassazione Penale Taljana, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 **Mioli** ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jikkastiga "chi si fa ragione da se' ma chi si fa arbitrariamente ragione". U allura l-att vjolattiv tal-istatus quo prevalenti jassumi l-karattru kriminali meta min ikun wetqu jkun għamel dan billi "si fa arbitrariament ragione".[16] Is-suġġett attiv irid ikun aġixxa billi "si e' fatto arbitariamente ragione"; u mhux sempliċiment "si e' fatto ragione da se'". Allura mhux sempliċi ħa r-raġun b'idejh, iżda ħa arbitrarjament ir-raġun b'idejh billi **jkun ħa**

[16] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha

**l-Liġi b'idejh** meta huwa kien jaf li l-azzjoni bil-Liġi tiġi mwettqa mill-Qorti u mhux minnu.

46. U allura r-rabta ta' min ikun ħa arbitrarjament ir-raġun b'idejh billi jkun ħa l-Liġi b'idejh trid tiġi mistħarrġa wkoll fil-kuntest ta' jekk f'dak il-mument li tkun ittieħdet dik l-azzjoni vjolattiva arbitrarja kienetx teżisti diġà xi kontroversja bejn il-partijiet involuti dwar dak l l-istatus quo fl-eżerċizzju ta' drittijiet partikolari f'dak il-mument speċifiku; u liema kontroversja allura timmanifesta ruħha fid-dissens espliċitu jew impliċitu tal-allegata vittma fir-rigward ta' dik l-azzjoni vjolattiva u arbitrarja.

47. Il-kunċett tal-**arbitrarjeta** tal-azzjoni u l-**kontroversja** allura manifestata fid-dissens espliċitu jew impliċitu tal-vitma jridu jiġu sodisfaċentement pruvati li jkunu jeżistu flimkien fil-perjodu inkriminat in kwantu waħda tiddependi fuq l-oħra. L-awtur tar-reat ikun irid jaġixxi unilateralment bl-azzjoni vjolattiva l-istatus quo u li tkun allura tilledi l-monopolju ġurisdizzjonali tal-Qorti meta huwa jkun konsapevoli bil-kontroversja ġja eżistenti jew konkomitanti l-azzjoni manifestata fid-dissens espliċitu jew impliċitu tal-vittma.

48. Jekk Tizio jippretendi li għandu xi jedd partikolari fil-konfront ta' Caio u, konsapevoli tal-kontroversja ma' Caio dwar dak li hu l-istatus quo tal-eżerċizzju ta' dak il-jedd partikolari, u Tizio jiddeċiedi li jinforza dak id-dritt pretiż minnu billi jieħu l-Liġi b'idejh bl-awtorita tiegħu innifsu u jgħaddi biex bl-azzjoni materjali unilaterali tiegħu jimponi dik ir-rieda tiegħu fuq Caio, minflok ma l-istess Tizio biex jottjeni dak il-jedd pretiż kontra Caio jirrikorri għall-eżekuzzjoni tal-Liġi bis-saħħa tal-Awtorita tal-Qorti, allura Tizio jkun jista' jitqies li jkun irrenda ruħu ħati tar-reat ta' ragion fattasi minħabba li l-azzjoni unilaterali tiegħu tkun mhux biss ivvjolat l-istatus quo rifless fl-eżerċizzju attwali ta' dak il-jedd minn Caio, iżda wkoll għax l-azzjoni unilaterali ta' Tizio tkun xejnet il-monopolju ġurisdizzjonali tal-Qorti li hija l-unika Awtorità legali mogħnija bis-setgħa li tirriżolvi disputi fattwali u legali bejn il-privati.

49. Dan allura jwassal għall-konklużjoni li sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jitqies integrat, mhux biżżejjed li tiġi pruvata b'mod sikur it-turbativa tal-istatus quo tal-eżerċizzju ta' jeddijiet bl-azzjoni unilaterali tal-awtur tagħha fiż-żmien inkriminat. Teħtieġ ukoll li dik l-azzjoni turbativa sseħħ mill-awtur tagħha f'kuntest fejn huwa,

konxju mill-kontroversja bejnu u l-allegata vittma u liema kontroversja titqies il-manifestazzjoni tad-dissens espliċitu jew impliċitu tal-allegata vittma, biex jieħu r-raġun għall-jedd li jippretendi li għandu, huwa konxjament u volutament iwettaq l-att vjolattiv billi jieħu l-**vie di fatto** rifless fl-azzjoni unilaterali bażata fuq l-awtorita tiegħu innifsu biss **<u>minflok</u>** ma jirrikorri għall-**vie legali** billi jirrikorri lejn l-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti li hija l-unika li għandha s-setgħa legali li tordna dik l-azzjoniu l-eventwali rimedju, jekk dan ikun ġustifikat.

50. Fil-fatt anke skont l-Arabia,[17] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess **<u>per se</u>** iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat:

> **<u>Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' mezzi dell'autorita' pubblica. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.</u>**

51. Huwa minnu li fil-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali magħmula bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok - kif obbligat jagħmel - jirrikorri għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jagħżel li jaġixxi minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-istatus quo tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala l-istat ta' fatt fejn persuna tkun qed teżerċita dritt (li jista' jkun possessorju) anke jekk biss fl-apparentia iuris.[18]

52. Iżda l-Arabia kien qiegħed jikteb fuq il-Liġi Borbonika tal-**vie di fatto** li kif intwera iżjed il-fuq hija identika għal dik Maltija dwar ir-reat tar-ragion fattasi. B'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-

---

[17] I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.
[18] Ara Codice Penale, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt ilvuċi "oggetto giuridico".

interpretazzjoni ta' Arabia dwar il-vie di fatto għandu jkollha iżjed piż fuq il-ġurisprudenza Maltija in kwantu titratta liġi li hija identika għal dik Maltija u li kienet il-Liġi li kjarament ispirat lill-Leġislatur tal-Kodiċi Kriminali Malti ta' dak iż-żmien.

53. Dan qiegħed jingħad ukoll għax anke Sir Andrew Jameson kien wera titubanza dwar kemm kien jagħmel sens li dan ir-reat ta' ragion fattasi jiġi inkorporat fil-Kodiċi Kriminali Malti. Imma minkejja din l-opinjoni avversa jew kważi, dan ir-reat xorta sab postu fil-Kodiċi Kriminali Malti. Iżda jibqa' fatt li l-iskop tar-ragion fattasi ma kienx dak li jissostitwixxi l-actio spolii li teżisti fil-kamp tad-dritt ċivili. Fil-kamp ċivili l-actio spolii hija azzjoni legali ffukata prinċipalment fuq it-turbativa tal-pussess jew detenzjoni ta' persuna, bl-għan aħħari tagħha tkun it-treġġiegħ lura kemm jista' jkun malajr tal-istatus quo ante possessorju. Fil-fatt il-ġurisprudenza ċivili patria tgħallem li f'kawża ta` spoll l-ebda indaġini ma hi permessa barra minn dik li tkun immirata biex tistabbilixxi il-fatt ta` pussess jew detenzjoni u l-fatt ta` l-ispoll. Din l-azzjoni hija maħsuba li tkun waħda rapida u effikaċi bl-iskop li ma tħalli lil ħadd jiddisturba stat ta` fatt arbitrarjament. Hija ntiża unikament biex iġġiegħel lil min ikun ikkommetta l-ispoll li jerġa` jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha.[19]

54. Din hija wkoll dimensjoni importanti fil-kamp penali in kwantu l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi wkoll rimedju għar-ripristinu tal-istatus quo ante. Iżda l-enfażi fir-reat ta' ragion fattasi, anke stando mal-ġurisprudenza Borbonika nonche d-dottrina kienet fuq l-importanza li l-azzjoni tal-awtur tar-reat li titturba l-istatus quo tal-eżerċizzju ta' drittijiet partikolari tkun waħda meħuda **<u>b'mod arbitrarju fejn dak li jkun minflok jirrikorri għal toroq legali, jagħżel minn jeddu li jieħu t-triq tal-fatt, bl-awtorita tiegħu innifsu jissostitwixxi l-awtorita tal-Qorti f'kuntest fejn ikun konxju minn kontroversja preċedenti jew konkomitanti l-att vjolattiv li turi d-dissens espliċitu jew impliċitu tal-vitma.</u>** Il-finalita' tar-ragion fattasi però tibqa' waħda punittiva.

---

[19] **Francesco sive Frank Busuttil vs. Giaocchino sive Jack Scerri pro et noe**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Marzu 1997. L-elementi tal-actio spolii jkunu : i. possidesse, ii. spoliatum fuisse, iii. infra bimestre deduxisse – ara f'dan is-sens: **Joseph Vassallo Gatt nomine vs. Joseph Camilleri pro et noe**, Qorti tal-Appell Superjuri, 26 ta' Jannar 1996.

55. Il-ħtieġa li tiġi pruvata l-eżistenza tal-kontroversja fl-istess waqt tat-twettieq tal-azzjoni turbativa tistrieħ fuq il-bażi legali fundamentali li ebda persuna ma tieħu l-Liġi b'idejha. F'dan is-sens il-ġurisprudenza anke Maltija dwar ir-reat ta' ragion fattasi teħtieġ l-eżistenza tad-dissens espliċitu jew impliċitu tal-allegata vittma tal-azzjoni turbativa. Dan id-dissens ikun manifestat fil-kontroversja li tkun qamet bejn il-partijiet. Anke l-ġurisprudenza Taljana tisħaq li huwa grazzi għal din il-kontroversja pre-eżistenti jew konkomitanti l-azzjoni vjolattiva li tirrendi l-azzjoni tas-suġġett attiv bħala waħda arbitrarja in kwantu din tkun tmur kontra l-monopolju ġurisdizzjonali tal-Qrati.

56. Għalhekk dak li jsawwar l-element kriminali fir-reat ta' ragion fattasi allura, anke kif għallem l-Arabia, mhux daqstant il-fatt turbattiv tal-pussess fih innifsu daqskemm l-isfida lill-monopolju ġurisdizzjonali tal-Qrati meta l-azzjoni turbattiva tal-istatus quo tal-eżerċizzju ta' drittijiet partikolari tkun qed issir f'kuntest tal-għarfien ta' kontroversja eżistenti, fejn allura l-awtur ta' dik l-azzjoni minkejja li jkun jaf b'dak id-dissens espliċitu jew impliċitu tal-vitma, u konxju wkoll li biex jieħu dak ir-rimedju li jippretendi tiegħu bi dritt huwa suppost li jirrikorri għall-awtorita ġudizzjarja, minflok jagħżel li jimponi r-rieda tiegħu mhux biss fuq l-eżistenza attwali tal-eżerċizzju ta' dritt mill-vittma, iżda wkoll jimponi l-awtorita tiegħu fuq dik tal-Qorti, minflok jirrikorri l-Qorti. Biex b'hekk, bl-azzjoni vjolattiva u unilaterali tiegħu huwa jkun użurpa s-setgħa tal-Awtorita Ġudizzjarja bl-awtorita tiegħu innifsu. Huwa meta jseħħ dan li jista' jingħad li l-awtur tad-delitt ikun "ħa l-liġi b'idejh" u fejn allura jista' jingħad li jkun ġie integrat ir-reat tar-ragion fattasi.

57. In definittiva għas-sempliċi turbament tal-istatus quo attwali dwar l-eżerċiżżju ta' xi **ius** jew il-pussess jew detenzjoni ta' xi **res** hemm l-azzjoni **civiliter** tal-actio spolii. Imma fejn dik l-azzjoni spoljanti tkun ukoll magħmula f'kuntest ta' kontroversja pre-eżistenti jew konkomitanti fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' jeddijiet partikolari mill-vitma, u allura tkun ukoll tirrifletti aġir konxju, arbitrarju, sfidanti, leżiv u użurpanti l-monopolju ġurisdizzjonali tal-Qorti da parti tal-awtur tal-azzjoni, imbagħad ikun hemm ukoll lok għall-azzjoni **poenalibus** tar-ragion fattasi kontra tiegħu.

58. Fil-fatt, anke fil-ġurisprudenza Maltija hemm riflessjoni ta' dawn il-kunċetti fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** ċitat iżjed il-fuq, li jillustra dan fis-sens li l-att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi irid ikun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna. Il-kwistjoni tal-kontroversja bejn il-partijiet rigward dak l-att estern trid allura tirriżulta fis-sens li jkun irid jiġi pruvat b'mod sikur li kien hemm kawża ta' dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna li tkun qegħda tipprotesta l-att spoljattiv. Tali kontroversja trid tkun pruvata li teżisti qabel l-att jew konkomitanti l-att spoljattiv.

59. Kemm dan huwa meħtieġ biex ikun jista' jiġi meqjus integrat ir-reat ta' ragion fattasi jirriżulta wkoll minn din is-silta meħuda mill-Arabia, li kien jisħaq fuq l-importanza li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet b'mod li allura l-aġent tar-reat ikun fil-fatt jista' jiġi mixli bir-reat ta' vie di fatto. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti:

> Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro aveva dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare del suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingiusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il detto cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

60. Din is-silta turi kemm huwa meħtieġ li l-kontroversja mhux biss tkun teżisti, iżda tkun trid tidher li teżisti. Ma jridx ikun hemm dubju f'moħħ l-awtur tar-reat li l-azzjoni tiegħu tkun sejra ssir bid-dissens espliċitu jew impliċitu tal-allegata vittma. Biex dan ir-reat jitqies integrat jeħtieġ li ma jkunx hemm dubju fuq ir-rieda u l-għarfien tal-awtur tar-reat li meta jkun qiegħed jagħmel l-azzjoni unilaterali turbattiva tiegħu huwa jkun qiegħed jagħmel dan speċifikament fil-kuntest ta' din il-kontroversja biex imbagħad, bl-awtorita tiegħu stess jikkontradixxi l-istatus quo rifless fl-eżerċizzju attwali ta' jeddijiet partikolari minn naħa tal-vitma, meta l-awtur tar-reat kien jaf mhux biss b'dik il-kontroversja iżda wkoll li għar-riżoluzzjoni tagħha huwa kien obbligat li jirrikorri għall-awtorita monopolistika tal-Qorti.

61. Naturalment kif din il-kontroversja timmanifesta ruħha jiddependi minn każ għal każ; iżda jeħtieġ li timmanifesta ruħha b'fatt ġudizzjarju jew b'xi fatt materjali pruvat b'mod sikur, u li juri li l-istatus quo rifless fl-eżerċizzju ta' dritt attwali da parti tal-vittma jkun ġie b'mod ċar u inekwivoku kontradett jew turbat mill-awtur tar-reat fiż-żmien inkriminat.

**Ikkunsidrat**

62. Illi l-appellant jilmenta illi huwa ma setax jinstab ħati tar-reat ta' ragion fattasi ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali għaliex dakinhar tal-25 ta' Novembru 2021 id-dawl fil-blokka tal-appartamenti li ġġib l-isem ta' Quinto Place ma telaqx minħabba raġuni imputabbli lilu hekk kif il-kawża kienet waħda ta' forza maġġjuri. Huwa jikkontendi wkoll li ma seta' qatt jirriżulta li kien sar spoll għad-dannu ta' Kurt Abela u l-inkwilini l-oħra għaliex dawn qatt ma kienu fil-pussess tal-meter tad-dawl in kwistjoni stante li dan dejjem kien imwaħħal fil-komun ta' Athena Place, li tagħha huwa kien sid.

63. Din il-Qorti trid tistħarreġ l-appell fid-dawl mhux biss tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, iżda wkoll in bażi għall-imputazzjoni magħmula kontra l-appellant kif bażata fuq il-provi li dik il-Qorti kellha quddiemha. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tieħu kont tal-provi li kienu jorbtu l-każ tal-Prosekuzzjoni mal-fatti li

seħħew f'dik il-ġurnata inkriminata. Setgħu ukoll jagħtu retroxena dwar x'setgħa seħħ qabel dik id-data biex il-Qorti jkollha xi ftit tal-kuntest u stampa kompluta. Iżda qajla setgħu jidħlu fuq kwistjonijiet li seħħew wara dik id-data biex tkun tista' tissaħħaħ l-imputazzjoni meta dak li seħħ wara ma kienx inkluż fil-parametri temporali tal-imputazzjonijiet.

64. Hemm qbil li l-kwerelant u r-residenti l-oħra tal-Blokka Quinto Place għandhom il-meter tas-servizz tal-elettriku tal-partijiet komuni installat fil-Blokka Athena Place. Il-Blokka Quinto Place allura tiddependi għas-servizz tal-elettriku tal-partijiet komuni tagħha minn servizz installat fil-Blokka Athena Place. Dan il-każ wera li fil-jum inkriminat, iġifieri fil-25 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tat-1500, ir-residenti fil-Blokka Quinto Place inqatgħalhom is-servizz tad-dawl u ma setgħux jaqbdu u jixgħelu l-meter tad-dawl tal-komun mill-ġdid minħabba li dan is-servizz ma kienx installat fil-Blokka tagħhom.

65. Din il-kawża bdiet fuq kwerela ta' Kurt Abela. Mill-affidavit ta' PC2076 jirriżulta li l-ilment li kien għamel Kurt Abela mal-Pulizija kien li meta fil-25 ta' Novembru 2021 kien inqata' d-dawl minħabba s-sajjetti, huwa kien ipprova jċempel lill-appellant peress li l-meter tad-dawl kien jinsab f'Athena Place, proprjetà tal-appellant. **<u>Abela qal li kemm il-darba ċempel lill-appellant biex jiftaħlu peress li l-meter tad-dawl kien fil-proprjeta tal-appellant</u>**. Igħid li anke mar iħabbatlu d-dar, iżda fetħet mart l-appellant, Josephine, fejn qaltlu li hi ma kellhiex ċavetta u li kienet se tgħid lil żewġha l-appellant **<u>biex jiftaħ il-meter tad-dawl</u>**.

66. Minbarra x-xiehda tal-kwerelant Kurt Abela, il-Qorti tal-Maġistrati kellha l-verżjoni tal-appellant – mogħtija fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija u li tinsab riprodotta fl-affidavit ta' PC2076 u l-NPS report redatt minnha. Biss għalkemm diversi drabi ssemma wkoll Joe Abela (inkluż dwar dan l-arranġamenti li kellu mal-appellant) ix-xiehda ta' Joe Abela ma ttieħditx f'dan il-każ.

67. Minn dawn il-provi jirriżulta illi bejn l-appellant u l-kwerelant Kurt Abela hemm qbil li l-Blokok Athena Place u Quinto Place kienu ġew mibnija fuq l-art tal-appellant minn Joe Abela tramite s-soċjeta Pajex Limited. Hemm qbil ukoll li bejn Joe Abela u l-

appellant kien sar arranġament fejn l-appellant kellu jieħu l-Blokka Athena Place filwaqt li Joe Abela jew Pajex Limited – għax anke jekk Abela kienx sid proprio jew nomine baqa' mhux ċar – ħa l-Blokka Quinto Place.

68. Minn hawn però ma jirriżultax li hemm iżjed qbil bejn il-partijiet; jew jekk xejn ix-xiehda ta' Kurt Abela ftit tagħti informazzjoni. Iżda mill-istqarrija tal-appellant lill-Pulizija, jirriżulta li meta ġew biex jinstallaw is-servizz tal-elettriku l-appellant ġab il-meter tad-dawl għall-blokka tiegħu Athena Place. Imma meta Joe Abela ġie biex jinstalla l-meter tad-dawl tal-Blokka Quinto Place, iltaqa' ma ostaklu in kwantu skont l-appellant, il-foreman tal-Enemalta adett mad-distrett tal-Mosta infurmah li biex ikun jista' jinstallalu meter fil-Blokka Quinto Place ried li qabel jiġi magħluq bieb li kien jifred iż-żewġ blokok in kwantu l-Enemalta ma setgħux iħallu żewġt meters tad-dawl fil-partijiet komuni ta' żewġt blokok li kienu jinfdu ma xulxin.[20]

69. L-appellant itenni li Joe Abela kien talbu biex sakemm isib bennej u jagħlaqlu dak il-bieb, jitfa' l-arloġġ tad-dawl għas-servizzi tal-komun tal-Blokka Quinto Place fl-edifiċċju tal-Athena Place, proprjetà tal-appellant. U hekk sar. B'hekk għalkemm l-arloġġ tad-dawl tal-komun ta' Quinto Place kien isejjah lil Joe Abela u kien iservi l-elettriku lill-Blokk tiegħu Quinto Place, fiżikament dan il-meter tad-dawl kien installat fil-proprjeta tal-appellant ossija l-Blokka Athena Place. Ma hemm ebda prova konkreta dan l-arranġament bejn l-appellant u Joe Abela x'iżjed kien jinkludi. L-appellant ma jixhedx fid-dettall fuqu. Kurt Abela ma kienx jaf iwieġeb in kwantu ma setgħax jitkellem għal missieru. Joe Abela ma jirriżultax li xehed f'dan il-każ. Allura l-Qorti tal-Maġistrati kienet sajma għal kollox jekk dan l-arranġament kienx jikkontempla xi forma ta' aċċess liberu jew ristrett minn Joe Abela għal dan il-meter tad-dawl tal-komun ta' Quinto Place. Ma hemm ebda indikazzjoni dwar x'diskors kien sar, jekk kien sar, bejn Joe Abela u l-appellant fir-rigward ta' x'jiġri meta Joe Abela jkollu bżonn jaċċedi fil-Blokka Athena Place biex jara jew jaqra jew iħaddem dak il-meter tad-dawl. Wisq anqas hemm informazzjoni dwar

[20] Din il-verżjoni tal-appellant ma ġietx direttament kontradetta minn Kurt Abela, għalkemm fix-xiehda tiegħu Kurt Abela tenna diversi drabi li – fi żminijiet li ma kienx ċert minnhom, iżda li kienu fis-sena 2022 – kien ġab xi ħaddiema tal-Enemalta biex ineħħu l-meter tal-elettriku tal-komun tal-Blokka Quinto Place mill-Blokka Athena Place, iżda l-appellant ma kienx fetħilhom.

x'jiġri meta dan il-meter tad-dawl jinqata', min għandu aċċess għalih, meta, kif jerġa jinxtegħel u minn min. Punti nevralġiċi għas-soluzzjoni ta' dan il-każ baqgħu mhux imwieġba.

70. L-appellant stqarr li dan il-meter tad-dawl kien magħluq b'gate li jissakkar b'katnazz. Itenni li ċ-ċavetta ta' dak il-katnazz kienet dejjem fil-pussess tal-appellant biss. L-appellant jgħid li huwa qatt ma ta kopja ta' dik iċ-ċavetta lil Joe Abela. Anke hawn, ġaladarba x-xiehda ta' Joe Abela ma ġietx prodotta f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx taf jekk dan kienx minnu jew le.

71. L-appellant żied jgħid li meta xi żmien wara l-istess appellant kien reġgħa kellem lil Joe Abela biex jagħlaq il-bieb li kien iniffed liż-żewġ Blokok kif kien obbliga ruħu li jagħmel, l-appellant igħid li Joe Abela kien infurmah li ma kienx għad kellu x'jaqsam mal-Blokka Quinto Place in kwantu kien biegħu mal-appartamenti. Fost dawk l-appartamenti kien hemm ukoll il-penthouse tal-kwerelant Kurt Abela.

72. Dwar il-fatt li l-aċċess għall-meter tad-dawl ta' Quinto Place dejjem kien jinżamm magħluq bi grada b'katnazz jerġa jiġi ribadit mill-appellant fl-istqarrija tiegħu meta jgħid li, madwar sena qabel dan l-inċident kien għamel ħafna maltemp, wieħed mis-sidien tal-Athena Place – mhux il-kwerelant - kien talbu ċavetta tal-katnazz biex imur jixgħel l-arloġġ tad-dawl tiegħu peress li kien mar id-dawl bil-maltemp. Iżda dan l-individwu, mingħajr il-kunsens tal-appellant, kien ta dik iċ-ċavetta lil xi persuna oħra. Meta l-appellant sar jaf b'dan, huwa kien widdbu minħabba li dan il-proxmu kien għadda din iċ-ċavetta lil terzi mingħajr il-kunsens tiegħu. B'hekk l-appellant jammetti li biddel il-katnazz u ċ-ċavetta ta' dan il-katnazz il-ġdid żamma hu. Minn dak inhar lil hemm qatt ma ta dik iċ-ċavetta lil ħadd ieħor.

73. B'hekk mill-istqarrija tal-appellant jirriżulta li l-meter tad-dawl ta' Quinto Place kien jinżamm fil-Blokka Athena Place, li l-aċċess għal dan il-meter tad-dawl kien ristrett minħabba li kien magħluq bi grada u b'katnazz; li dan l-aċċess kien kontrollat mill-appellant; u li Joe Abela qatt ma kellu ċavetta ta' dan il-katnazz. L-appellant irrikonoxxa li kien hemm darba oħra fejn xi sena qabel dan il-każ kien inqata' d-dawl tal-Blokka Quinto Place. Iżda f'dik l-okkażjoni kien ta' ċavetta lil wieħed mir-residenti li però dan għażel li jgħaddi

dik iċ-ċavetta lil terzi mingħajr il-kunsens tal-appellant. L-appellant għalhekk biddel il-katnazz u ma ta ċ-ċavetta lil ħadd iżjed. Minn din l-istqarrija għalhekk għal massimu jista' jingħad li l-appellant kien konxju li kien hemm problema meta jinqata' d-dawl għax ikun telaq il-meter tad-dawl tal-Blokka Quinto Place. Iżda ma jirriżultax li kien hemm xi ħadd mir-residenti ta' dik il-Blokka li kienet qajmet xi forma ta' kontestazzjoni miegħu fir-rigward tal-kwistjoni tal-aċċess għal dak il-meter tad-dawl jew għaliex il-meter ma kienx inxtegħel tempestivament. L-anqas tirriżulta informazzjoni dwar x'kien jiġri mill-meter tad-dawl meta dan jinqata' u jekk kienx hemm xi obbligu assunt mill-appellant versu Joe Abela kull meta jinqata' dan il-meter tad-dawl.

74. Minn naħa tiegħu, Kurt Abela, ftit li xejn jixhed dwar l-arranġament li kien sar bejn l-appellant u bejn missieru. Anzi. Jekk xejn f'paġna 19, mistoqsi in kontro-eżami jwieġeb dwar il-qbil li kien sar bejn missieru, Joe Abela u l-appellant, huwa jwieġeb li ma setgħax jitkellem għal missieru. Dan jagħti x'jifhem għalhekk li ma kienx jaf sewwasew l-arranġament fiex kien jikkonsisti, jew jekk kien jaf, għażel li ma jitkellimx. Fix-xiehda tiegħu Kurt Abela ftit li xejn jagħti informazzjoni dwar dan l-arranġament, iżda hemm partijiet li jagħtu indikazzjoni li kien jaf iżjed milli qal. Fil-fatt f'paġna 18 Kurt Abela jgħid li l-appellant mhux suppost sakkar fejn kien hemm il-meter. Iżda ma jispjegax kif u għaliex wasal għal dik il-konklużjoni. Ma jgħidx jekk kienx hemm xi arranġament bejn l-appellant u missieru fis-sens li dak il-meter ma kellux jiġi msakkar u l-appellant qabad u sakkru, eċċetra. Kurt Abela ma jgħid xejn minn dan. Igħid biss li l-appellant mhux suppost sakkar fejn hemm il-meter, mingħajr ma jgħid għaliex.

75. Allura prova dwar dan l-arranġament li kien intlaħaq mill-appellant u minn missier Kurt Abela, u x'kien u ma kienx jinkludi fih dan l-arranġament, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-meter tad-dawl tal-Blokka Quinto Place, ma hemmx ħlief minn dak li jgħid l-appellant u biċċiet żgħar li joħorġu mix-xiehda ta' Kurt Abela.

76. Kurt Abela fil-fatt jixhed li "Il-meter tad-dawl m'għandix aċċess għalih jien. Qiegħed fil-kustodja tas-sur Buhgiar u msakkar b'ċavetta". Din il-verżjoni fil-fatt issaħħaħ dak li qal l-appellant fl-istqarrija tiegħu. Din ix-xiehda allura turi li verament il-kwerelant

la għandu u l-anqas qatt kellu aċċess għal dan il-meter tad-dawl. Tikkonferma wkoll li fil-fatt dan il-meter kien jinżamm imsakkar mill-appellant, daqskemm huwa ma kellux iċ-ċavetta għal fejn kien qiegħed jinżamm il-meter tad-dawl tal-Blokka Quinto Place, minkejja li l-meter tad-dawl tal-Blokka Quinto Place għalhekk kienet issejjaħ lil Kurt Abela. Ir-raġuni li jagħti għal dan hija li "Meta nbena l-post wisq probabbli l-meters kienu mwaħħlin it-tnejn li huma fil-blokka ta' maġenbna li huwa s-sid tagħha s-sur Buhagiar. Qatt ma mxew." F'paġna 16 jgħid però li l-appellant "irid" li jagħlaq l-aċċess mill-komun tagħhom għall-garaxxijiet ta' fejn jamministra hu. Igħid li din kienet biċċa kumplikata iżda dak kien li Buhaġiar ried ċjoe li jagħlaq l-aċċess għal min għandu garaxx fil-blokka Athena Place għal dawk li qegħdin fi Quinto Place. Kien qal li jekk jimbarraw il-bieb li jagħti għal dan l-aċċess imbagħad ikunu jistgħu jmexxu l-meter għall-blokk Quinto Place. Iżda dan allura jikkonferma wkoll il-verżjoni tal-appellant fir-rigward tal-fatt li dawn il-meters twaħħlu fl-Athena Place, għalkemm Kurt Abela ma jispjegax ir-raġuni għaliex dawn il-meters tad-dawl twaħħlu hemmhekk. Din ix-xiehda allura turi li sa mill-bidu nett, ossija sa minn meta Kurt Abela daħal fix-xena, huwa qatt ma kellu l-aċċess għall-meter tad-dawl tal-Quinto Place li kienu jinsabu fl-Athena Place; u wisq anqas kellu ċavetta għal dak il-katnazz li kien jagħlaq il-grada fejn kien hemm dak il-meter. Biss ma jagħtix dawl jekk dak l-istat ta' fatt kienx riflessjoni tal-arranġament li kien intlaħaq bejn l-appellant u missieru qabel ma daħal fix-xena hu. Il-fatt li Kurt Abela jisħaq li huwa qatt ma kellu aċċess għal dak il-post fejn kien jinżamm il-meter jirrifletti wkoll, indirettament, li l-anqas missieru ma kellu dak l-aċċess. Il-loġika titlob li kieku Joe Abela kellu ċ-ċavetta ta' dan il-katnazz, huwa kien jgħaddiha lil ibnu u jevitalhom dawn il-problemi kollha. Iżda Kurt Abela ċavetta ma kellux.. U dan allura jkompli jsaħħaħ dak li stqarr l-appellant mal-Pulizija li Joe Abela wkoll ma kellux ċavetta għall-katnazz li kien oriġinarjament installa f'dak il-post.

77. Il-kwistjoni għalhekk jekk l-appellant installax dak il-katnazz u rrestringa l-aċċess għall-meter tad-dawl b'mod arbitrarju u abbużiv baqgħet mhix solvuta bix-xiehda ta' Kurt Abela. Dan peress li Kurt Abela donnu ma jafx x'kien l-arranġament bejn l-appellant u missieru; filwaqt li missieru ma xehedx f'dan il-każ. Il-kwistjoni allura kwerelata minn Kurt Abela lill-Pulizija skont il-paġna 4 u 7

tal-atti hija mnissla mill-fatt li Kurt Abela kemm il-darba ċempel lill-appellant biex jiftaħlu l-aċċess tal-meter tad-dawl.

78. Iżda l-mistoqsija tibqa' kemm l-appellant kien qiegħed jikkommetti r-reat ta' ragion fattasi meta huwa ma tax l-aċċess għall-meter lil Kurt Abela? Kurt Abela ried li jkollu aċċess għall-meter u l-appellant, qiegħed jingħad ċaħdu minnu. Jekk din il-verżjoni hija l-verita, kemm però jista' jingħad li l-appellant kien legalment obbligat li jagħti dak l-aċċess lil Kurt Abela.

79. Iżda kif ingħad iżjed il-fuq, din hija azzjoni kriminali ta' ragion fattasi u mhix azzjoni ta' spoll ċivili. Għall-fini ta' din l-azzjoni kriminali allura kemm jista' jingħad li l-appellant ikkommetta r-reat ta' ragion fattasi meta huwa ma tax aċċess lil Kurt Abela għal dan il-meter tad-dawl li kien isejjaħlu, meta l-istess Kurt Abela jikkonferma li huwa qatt ma kellu l-aċċess għal dan il-post fejn kien hemm il-meter tad-dawl fl-ewwel lok, u li dan kien jinsab fil-kustodja tal-appellant li kien issakkru b'ċavetta u li dan – jew almenu parti minnu - kien jidher li huwa frott ta' xi forma ta' arranġament li kien intlaħaq bejn l-appellant u missieru Joe Abela meta dan ried li jdaħħal is-servizz tal-elettriku għall-komun tal-Blokka Quinto Place; u dan ukoll f'kuntest fejn il-provi juru li l-anqas Joe Abela qatt ma kellu aċċess għal dan il-meter fl-ewwel lok?

80. Kif intqal iżjed il-fuq, trid issir distinzjoni bejn kwistjoni ta' natura ċivili u dik ta' natura kriminali.

81. Il-kumplament tax-xiehda ta' Kurt Abela kienet marbuta mal-konsegwenzi li jitnisslu mill-fatt li huwa qatt ma kellu aċċess għal dan il-meter tad-dawl. Kurt Abela jixhed li fi żmien li ma kienx ċert dwaru – jew Ottubru jew Novembru – kien inqata' d-dawl, faqqgħet sajjetta u nqata' d-dawl tal-komun tal-Quinto Place. Peress li huwa ma għandux aċċess għall-fejn kien jinsab dan il-meter, "mort biex nixgħelu, ma stajtx naqbad lis-sur Buhagiar".

82. Kurt Abela jirrakkonta episodji diversi li però jonqos milli jgħid jekk seħħewx qabel jew wara l-inċident li kien ikkwerela. Biss jixhed li kemm il-darba kellem lill-appellant għax mhux l-ewwel darba li kien inqata' d-dawl. Biss jgħid li l-appellant kien dejjem "jirrifjuta li jixgħel id-dawl, il-meter meta jinqata' d-dawl. Mhux l-

ewwel darba li saret din il-biċċa xogħol". Abela jgħid li kemm il-darba kien jitlob lill-appellant biex jixgħel id-dawl billi jipprova jċempillu pero ma wieġbux u mbagħad jitfi l-mobile u ma jkunx jista' jaqbdu. Kien għalhekk li spiċċa jagħmel "rapport".

83. Mistoqsi speċifikament kemm il-darba qabel dan l-inċident ta' Novembru 2021 kien kellem lill-appellant, Kurt Abela ma jagħtix informazzjoni preċiża. Jgħid li "Bħalissa ma niftakarx eżatt però kemm-il darba ġrat din il-biċċa xogħol. Mhux l-ewwel darba li nqata' d-dawl. In fatti l-għassa tal-Mosta ġejt xi darbtejn nagħmel rapport".

84. Stante li dan huwa każ ta' ragion fattasi, kif intqal aktar qabel, huwa essenzjali li jiġi pruvat li jkun hemm att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna. Il-kwerelant jikkontendi li l-azzjoni tal-appellant li jċaħħdu l-aċċess għal dan il-meter kien qiegħed jimpedih minn dritt li huwa kien qiegħed igawdi u dan l-att sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu tiegħu.

85. Il-fatt li l-kwerelant li kellu dakinhar tal-inċident u l-anqas qabel jew wara dik id-data aċċess għal dak il-meter huwa indiskuss. Il-kwistjoni però hija jekk dik l-azzjoni tal-appellant li vjetatlu aċċess kienetx qegħda jimpedih minn dritt li huwa kien igawdi. Hawnhekk il-kwistjoni trid tinqasam fi tnejn. Il-parte civile kien igawdi servizz ta' meter tad-dawl fil-proprjeta tal-appellant, iżda qatt ma kien igawdi aċċess liberu għalih.

86. Mela allura meta l-appellant ma taħx aċċess għall-meter tad-dawl, l-appellant ma kienx qiegħed jagħmel azzjoni li biha kien qiegħed jimpedixxi lil Kurt Abela minn dritt ta' aċċess li huwa kien igawdi in kwantu Kurt Abela, ex admissis, qatt ma kellu dak l-aċċess. Il-kwistjoni jekk jagħmilx sens li jkollu dak l-aċċess għal meter tad-dawl li jinsab reġistrat fuq ismu hija ovvja. Iżda dik hija meritu ta' azzjoni ċivili quddiem il-Qorti ċivili kompetenti.

87. Quddiem din il-Qorti il-kwistjoni hija jekk l-appellant kienx qiegħed b'dik l-azzjoni li ma tax aċċess lill-Kurt Abela għal dak il-meter tad-dawl jaġixxi arbitrarjament fis-sens li b'dik l-azzjoni tiegħu kien hemm l-istatus quo li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv

minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja u dan f'kuntest speċifiku ta' kontroversja ġudizzjarja jew fattwali bejn il-partijiet kontendenti; u jekk dik il-kontroversja fil-fatt kienetx tali li immanifestat ruħha b'fatt ġudizzjarju jew b'xi fatt materjali b'mod li jirriżulta pruvat b'mod sikur li l-istatus quo rifless fl-eżerċizzju ta' dritt attwali tiegħu ġie b'mod ċar u inekwivoku kontradett jew turbat bl-azzjoni tal-awtur tar-reat fiż-żmien inkriminat.

88. Minn din ix-xiehda ta' Kurt Abela mhux ċar jekk din il-kontroversja mal-appellant kienetx diġà teżisti **qabel** il-25 ta' Novembru 2021 jew le. Din kienet kwistjoni determinanti, li però ma kienx f'qagħda jagħti xiehda dwarha. Biss isostni li l-appellant kien jaffrontah billi jgħidlu li dak il-meter ma kienx proprjetà tal-appellant iżda kien proprjetà ta' Abela u li l-appellant ma kellux jedd jostakolah.

89. Abela jgħid ukoll li darba minnhom kien affronta lill-appellant anke quddiem il-ħaddiema tal-ARMS u kien jgħidlu li ma kellux x' jgħidlu. Kurt Abela jżid li huwa kellu korrispondenza mal-ARMS dwar dan l-ilment tiegħu. Iżda ma preżenta ebda dokument fl-atti ta' dan il-każ. Jgħid li meta ġew l-ARMS biex iċaqalqu l-meter kien fis-sena 2022, iżda l-appellant ma fetħilhomx. Iżid li l-appellant ma fetaħx lil tal-ARMS u allura dawn ma setgħux jaċċedu għall-meter.

90. Dwar l-inċident meritu ta' dan il-każ Abela jixhed li eventwalment, dak il-meter inxtegħel – skontu – mill-appellant stess. Għalkemm huwa ma rax lill-appellant b'għajnejh jixhel il-meter, il-fatt kien li d-dawl fil-komun kien reġgħa ġie. Biss jgħid ukoll li kien hemm drabi oħra li kienu għamlu xi jumejn bla dawl. Iżda ma kienx jiftakar id-data meta kienet – u allura jekk hux qabel jew wara d-data kwerelata. Iżda jaf li kien għamel rapport ukoll. Din il-ħaġa kienet tiġri ta' spiss, iżda ma baqgħetx daqshekk.

91. Mistoqsi speċifikament dwar jekk, dwar l-inċident kwerelat tal-25 ta' Novembru 2021 kellux dokumenti li jipprova min għandu drittijiet u fejn u le u liema meter kellu aċċess għalih, Kurt Abela jwieġeb li ma kienx ġab miegħu dokumenti li juru dan, iżda jisħaq li l-meter tal-komun ta' Quinto Place kien jgħajjat lilu. Karti dwar dan però ma kellux. Itemm ix-xiehda tiegħu billi juri x-xewqa

tiegħu li l-meter jiċċaqlaq fuq fejn suppost qiegħed għax ma kienx qiegħed tajjeb il-meter.

92. In kontro-eżami Kurt Abela jgħid li l-meter tad-dawl tal-komun tal-Blokka Quinto Place kienet installata fil-propreta tal-appellant kemm dakinhar tal-25 ta' Novembru 2021 kif ukoll snin qabel. Is-servizz tad-dawl tal-komun tal-blokka Quinto Place dakinhar tal-25 ta' Novembru 2021 kien inqata minħabba sajjetta. Ma kienx l-appellant li qata' s-servizz tad-dawl. Li ġara dakinhar kien li għalkemm Kurt Abela kien qabad lill-appellant telefonikament u talbu jmur jiftaħlu, l-appellant ma marx jiftaħlu. Kurt Abela xtaqu, anzi ried lill-appellant biex imur jiftaħlu biex Abela jkun jista' jaċċedi għall-meter tad-dawl li kien isejjaħ lilu. Iżda l-appellant ma fetaħlux. Għal Kurt Abela din in-nuqqas ta' azzjoni tal-appellant kienet azzjoni.

93. Iżda jekk din il-kontroversja kienetx teżisti qabel dakinhar tal-inċident ma hemmx prova. Il-kontroversja żgur li bdiet dakinhar tal-25 ta' Novembru 2021 għaliex dakinhar l-appellant ġie avżat li kien hemm problema bil-meter tad-dawl u li Kurt Abela ried li jkollu aċċess għal dak il-meter reġistrat f'ismu iżda li kien miżmum imsakkar fl-Athena Place. Jekk xejn issa ma hemmx ombra ta' dubju li kontroversja teżisti.

94. Iżda l-fatt jibqa' li mill-provi prodotti jirriżulta li Joe Abela kien konsapevolment installa l-meter tad-dawl fil-blokka Quinto Place fl-edifiċċju tal-Athena Place. Il-prova għaliex sar dan hija nieqsa għajr ħlief għall-verżjoni tal-appellant. Il-loġika titlob li kieku setgħa, Joe Abela ma kienx jidħol f'dan il-baħar ta' nkwiet għalxejn u kien jaqbad u jinstalla s-servizz tal-meter tal-elettriku għall-komun tal-blokka tiegħu mill-ewwel u direttament fil-blokka tiegħu. Il-fatt li ma għamilx dan jindika li fil-fatt kien hemm xi impediment biex jagħmel dan. L-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellant allura mhix kontradetta.

95. Iżda l-provi juru mhux biss li Joe Abela għażel li jinstalla s-servizz tal-meter tal-elettriku tal-komun tal-blokka tiegħu fi ħwejjeġ ħaddieħor, talli l-anqas jirriżulta li Joe Abela kellu aċċess liberu għal dak il-meter tal-elettriku ġaladarba ġie installat fil-proprejta

tal-appellant. Fil-fatt dan huwa konfermat kemm mill-appellant innifsu kif ukoll minn Kurt Abela.

96. L-appellant jgħid li mill-ewwel dan il-meter tal-elettriku kien f'post li dejjem kien magħluq b'gate li jissakkar b'katnazz. L-appellant iżid li huwa dejjem kellu ċ-ċavetta ta' dan il-katnazz u li Joe Abela qatt ma kellu ċavetta għal dan il-katnazz. Allura l-mistoqsija tiġi waħedha – għaliex Joe Abela ma kellux ċavetta għal dan il-katnazz – għaliex l-appellant ċaħdu minnha jew għaliex dak kien parti mill-arranġament li Joe Abela kellu mal-appellant sakemm, skont l-appellant, Joe Abela jkun imbarra l-bieb u applika għal meter separat fil-blokka tiegħu?

97. Tweġiba għal din il-mistoqsija fundamentali ma hemmx fl-atti. Ladarba Joe Abela ma xehedx, u ladarba Kurt Abela, ġustament, ma setgħax jitkellem għal missieru, din il-kwistjoni tibqa' irriżolta. Iżda Kurt Abela jikkonferma fix-xiehda tiegħu, mal-ftugħ tagħha li huwa qatt ma kellu aċċess għall-meter tad-dawl, li dan kien fil-kustodja ta' l-appallant u li kien imsakkar b'ċavetta. Fil-jum tal-inċident dak kien l-istatus quo u ma ġiex pruvat li b'xi mod inbidel – għajr għall-fatt li – għal raġuni mhix attribwibbli għall-appellant, inqata' d-dawl.

98. Kurt Abela f'mument minnhom jgħid li l-appellant mhux suppost li żamm dak il-meter tad-dawl tal-Quinto Place imsakkar. Dan kien kumment interessanti ħafna li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża setgħu jesploraw f'iżjed dettall matul il-kontradittorju. Iżda jirriżulta li dan ma sarx u Kurt Abela ma jispjegax għaliex jgħid hekk. Kieku l-Qorti kellha prova li Joe Abela u l-appellant kienu ftehmu (loġikament) li l-aċċess għal dak il-meter kellu jkun liberu almenu għall-aministratur tal-Blokka Quinto Place jew li dak l-aċċess kellu jingħata mill-appellant immedjatament meta mitlub mill-amministratur tal-Blokka Quinto Place (loġika wkoll), allura l-kwistjoni kienet tkun differenti. Iżda din il-prova ma nġabitx.

99. Li kieku inġiebet prova li Joe Abela kellu ċ-ċavetta tal-katnazz li kien għamel l-appellant u wara l-appellant biddel il-katnazz mingħajr ma qal u bid-dissens espress jew impliċitu ta' Joe Abela u mingħajr ma reġgħa tah kopja tagħha – kienet ukoll tkun storja oħra. Iżda l-anqas din l-informazzjoni ma tirriżulta fl-atti.

100. Assurda kemm tinstema' assurda l-posizzjoni tal-kwerelant fir-rigward tal-aċċess tiegħu għall-meter tad-dawl reġistrat f'ismu, il-provi miġbura f'dan il-każ kienu juru li l-istatus quo fil-jum li fih seħħew il-fatti kwerelati kien preċiżament li Joe Abela kien għażel li, għal xi raġuni, jinstalla l-meter tad-dawl tal-komun tal-Blokka Quinto Place fil-proprjeta tal-appellant Athena Place, li l-aċċess għall-istess meter tad-dawl allura kien ġie jiddependi mill-appellant, li l-appellant kien "jikkustodixxi" dan il-meter tad-dawl b'mod li dan kien iżommu msakkar b'ċavetta.

101. Iżda prova dwar jekk u safejn dan kolluxsarx bil-kunsens ta' Joe Abela, jew x'kienu l-jeddijiet jew kundizzjonijiet li Joe Abela jew l-aventi kawża minnu kellhom biex jaċċedu għal dan il-meter u jekk allura l-appellant kienx qiegħed jaġixxi arbitrarjament fis-sens tal-Liġi regolanti r-ragion fattasi ma nġabitx.

102. Il-fatt li dan il-ftehim bejn Joe Abela u l-appellant ma ġiex pruvat f'xiex kien jikkonsisti u kif kien jolqot id-drittijiet ta' aċċess ta' Joe Abela u l-aventi kawża minnu għall-meter tad-dawl de quo għandu jkun il-meritu ta' proċeduri ċivili appożiti aktar milli azzjoni kriminali ta' ragion fattasi.

103. Dan peress li criminalibus, l-istatus quo kien dak li Kurt Abela ma kellux aċċess għal dan il-meter għalkemm fil-jum tal-inċident il-meter tad-dawl kien u baqa' installat fil-Blokka Athena Place. Dakinhar tal-inċident l-appellant ma għamilx azzjoni oħra relattiva għal dan l-aċċess u l-installazzjoni tal-meter li kienet differenti minn dik li kienet qabel dik id-data. L-anqas ma nġiebet prova soda li l-kontroversja bejn il-kwerelant u l-appellant inbdiet qabel il-25 ta' Novembru 2021, għalkemm issa huwa ċar li kontroversja teżisti. Minbarra dan, il-fatt li l-appellant għandu dak il-meter tad-dawl tal-Blokka Quinto Place fil-proprjeta tiegħu u taħt il-"kustodja" tiegħu, ma jfissirx li hu ħieles minn kull responsabilitajiet ċivili jew penali.

104. F'dan il-każ il-kwerela kontrih kienet waħda ta' nuqqas ta' aċċess għall-meter tad-dawl tal-komun ta' Quinto Place, bl-ilmenti tal-kwerelant minħabba n-nuqqas ta' provvista tad-dawl għax l-appellant ikaxkar saqajh biex jixhel il-meter mill-ġdid ikunu iżjed marbuta ma episodji suċċessivi jew li ma ġiex indikat sewwasew meta seħħew minħabba li l-kwerelant semma diversi episodji

b'mod konfuż u bla punt ta' riferenza dwar meta dawn l-episodji seħħew (għajr għal meta qal li kienu marru l-ħaddiema tal-ARMS). Iżda l-fatt li l-appellant aċċetta l-ftehim ma Joe Abela li l-meter tad-dawl tas-servizz elettriku tal-Quinto Place jiġi installat fi ħwejġu jġorr miegħu responsabilitajiet fuqu li huwa jrid iħares.

105. Ladarba huwa għandu l-kontroll tas-servizz tad-dawl tal-komun tal-Quinto Place, irid ukoll iġorr il-piż tar-responsabilitajiet ċivili jew penali li dan il-fatt jista' jġorr miegħu direttament jew indirettament. B'hekk issa huwa wkoll fl-interess tiegħu li jara li l-imġieba tiegħu ma tkunx arbitrarja mhux biss fir-rigward tal-aċċess għal dak il-meter tad-dawl iżda wkoll li ma tkunx ostruttiva, fastidjanti jew perikolanti għar-rigward tas-servizz tal-elettriku li jemani minnu.

106. F'dan il-każ il-kwerela ma kienetx marbuta mas-servizz tad-dawl li joħroġ minn dak il-meter tad-dawl meta jkun attiv daqskemm mal-fatt li l-kwerelant ippretenda l-aċċess għall-dak il-meter biex ikun jista' jirripristina s-servizz hu.

107. Iżda issa li l-kontroversja tidher fiċ-ċert, huwa fl-interess tal-appellant ukoll li din is-sitwazzjoni anomala ssib soluzzjoni immedjata.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**